**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LLM. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 17 ta` April, 2018**

**Talba Nru: 251/2017PA**

**Luay Al Shahmani**

**vs**

**Bassam Al Raheme, Rana Al Musawi u Haider Al Raheme**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-17 ta` Mejju 2017 li permezz tiegħu l-attur talba li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsuh is-somma ta` tlett elef, tlett mija u ħames Ewro (€3,305) bilanċ minn somma akbar dovuta bħala l-aħħar pagament li kellu jitħallas lill-attur skond il-ftehim anness, liema somma baqgħet dovuta wara li l-konvenuti rrifjutaw li jħallsu s-somma hawn fuq imsemmija kif mitluba mill-attur wara li tlestew ix-xogħlijiet li huwa kellu jagħmel, u dan wara li bdew jallegaw li x-xogħlijiet ma tlestewx kollha u li kien hemm nuqqasijiet fix-xogħlijiet li saru, u danni. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet fuq is-somma mitluba, flimkien mal-ispejjeż tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet preżentat kontestwalment, kontra l-konvenuti.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba konsistenti f' (i) kopja fotostatika ta` ftehim ta` appalt datat 4 ta` Frar 2017 (Dok. A, fol. 2) u (ii) kopja fotostatika ta` ittra legali datata 30 ta` Marzu 2017 mibgħuta f'isem uħud mill-konvenuti (Dok. B, fol. 3).

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha eċċepew li (i) preliminarjament, il-konvenut Haider Al Raheme mhux il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża għaliex la kkuntratta x-xogħlijiet in kwistjoni, u lanqas ma huwa s-sid jew l-operatur tal-ħanut mertu tal-kawża, imma sempliċement impjegat tal-konvenuti l-oħra ġenituri tiegħu; (ii) preliminarjament, l-intempestivita` tat-talba billi l-obbliġu tal-ħlas tas-somma mitluba jiskatta malli x-xogħol jitlestew, u l-attur ma lestiex ix-xogħlijiet; u (iii) il-konvenuti ma għandhom iħallsu xejn lill-attur, anżi huwa l-attur li għandu jħallas lilhom minħabba li kkaġuna diversi danni lill-konvenuti billi ma lestiex ix-xogħlijiet kuntrattati, liema danni jiffurmaw il-mertu tal-kontrotalbiet preżentati kontestwalment mill-konvenuti.

Ra l-Kontro-Talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti li ppremettew li permezz ta` ftehim ta` appalt tal-4 ta` Frar 2017, l-attur rikonvenzjonat kien obbliga ruhu li jeżegwixxi diversi xogħlijiet fil-ħanut Sweetland, 59, Triq San Ġorġ, San Ġiljan, skond il-pattijiet u kundizzjonijiet misjuba fl-istess skrittura u dan sat-28 ta` Frar 2017; li l-attur rikonvenzjonat ma spiċċax ix-xogħijiet kollha minnu kkuntrattati, dam aktar miż-żmien mftiehem biex wettaq ix-xogħlijiet, li ma sarux skond is-sengħa u l-arti; li minħabba f'hekk, il-konvenuti rikonvenzjonanti sofrew diversi danni rappreżentanti spejjeż biex jirranġaw ix-xogħol magħmul ħażin, konsistenti fid-dewmien fix-xogħlijiet, u dan fost danni oħra minnhom sofferti li ser jiġu ppruvati aħjar fil-kors tas-smigħ tal-kawża; li d-danni sofferti jammontaw għal tmint elef, tlett mija u wieħed u sittin Ewro, tlieta u tletin ċenteżmu (€8,361.33ċ) li qed jiġu limitati għall-finijiet ta` din il-kawża għas-somma ta` ħamest elef Ewro (€5,000). Għaldaqstant, il-konvenuti rikonvenzjonanti talbu li dan it-Tribunal jiddikjara li l-attur rikonvenzjonat ikkaġunalhom diversi danni; jillikwida dawn id-danni fis-somma ta` ħamest elef Ewro (€5,000) jew somma verjuri, u jikkundannah iħallashom lill-konvenuti rikonvenzjonanti bl-ispejjeż.

Ra r-Risposta tal-attur rikonvenzjonat għall-Kontro-Talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonati li permezz tagħha kkontesta l-istess talbiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt billi (i) ix-xogħlijiet li saru mill-attur kienu dawk kollha li ġew ordnati mill-konvenuti, liema xogħlijiet tlestew kollha skond is-sengħa u l-arti; (ii) mhux minnu li l-attur ma spiċċax ix-xogħlijiet minnu kuntrattati, jew li dam oltre ż-żmien miftiehem, għal raġunijiet imputabbli lilu; (iii) mhux minnu li l-konvenuti sofrew danni li b'xi mod jistgħu jitqiesu imputabbli lill-attur. Bl-ispejjeż.

Sema' x-xiehda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom.

Ra d-dokumenti preżentati.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

L-attur **Luay Al Shahmani**[1] xehed li huwa jaħdem bħala kuntrattur. Qal li kien iltaqa' mal-konvenut Bassam għand il-perit Martin Debono. Dan spjegalu x'ried li jsiru xogħlijiet fil-post tiegħu f'San Ġiljan, u l-perit irrediega skrittura li l-partijiet iffirmaw. Din hija l-iskrittura li huwa eżibixxa mal-Avviż tat-Talba tiegħu. Ix-xogħlijiet kollha hemm elenkati kellu jwettaqhom bil-prezz ta` €7,305 li kellu jitħallas kif spjegat fl-iskrittura. L-attur iddikjara li, meta ffirmaw din l-iskrittura fl-24 ta` Frar 2017, il-konvenut tah is-somma ta` €4,000.

Kwantu għax-xogħlijiet, l-attur qal li l-post kien ħanut tal-ġelat u hu kien inkarigat ineħħi ż-żebgħa, is-suffett u x-xogħlijiet ta` tkomplija li kien fih, u jagħmel ix-xogħol mill-ġdid. Il-perit inkarigat mill-konvenuti għamel il-pjanta, u kien imur darbtejn fil-ġimgħa jiċċekkja x-xogħol, filwaqt li l-konvenuti kienu jkunu preżenti waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet kważi l-ġurnata kollha.

[1] Ara xiehda, 19.9-2017, fol. 16 sa 19

L-attur iddikjara li dam xahar skorrut għaddej bix-xogħlijiet, u li l-konvenuti waqqfuh darbtejn – darba għaliex riedu li jiċċaqlaq it-*toilet* minn fejn kien, kontra l-pjanta tal-perit, u l-għada qalulu biex iħallu kollox kif inhu, u t-tieni darba għaliex damu biex ħadulu l-attrezzi. Skond l-attur, l-għada li l-konvenut ħadlu l-attrezzi, huwa kkompleta l-inkarigu tiegħu li qal li kienu qed iwettquħ ħaddiema tas-sengħa Maltin, ingaġġati minnu.

Skond l-attur, l-uniku problema li kien sablu l-konvenut kienet għaliex pretenda li l-attur jikkomunikalu d-dawl mat-tabella tal-faċċata tal-ħanut, meta din ma kinetx parti mix-xogħol.

L-attur ppreżenta diversi ritratti li ddikjara li ħa hu fil-kors tax-xogħlijiet.[2]

L-attur ċaħad li kien hemm xi nuqqasijiet fix-xogħlijiet eżegwiti minnu. Qal li t-*toilet* u s-*sink* qalgħuhom u reġgħu waħħluhom fejn kienu. Il-madum tal-kamra tal-banju ma missewħx. Il-madum li kien hemm fl-ixkaffa kellu jsir mill-ġdid minħabba li għaddew il-pajpijiet minn taħtu, u ma sabux madum identiku għal li kien hemm qabel, pero` l-konvenut rah qabel twaħħal. Dwar il-ġibs, l-attur qal li madwar il-*meter* għamlu kif seta` minħabba li dan ma jistax jintmess. Qal li l-madum tal-art baqa' li kien, u li l-konvenuti kienu talbuh inaqqas mill-wisgħa ta` kolonna li kien hemm fil-faċċata, liema xogħol għamlu minkejja li ma kienx mitlub bil-perit u tiegħu ma talabx ħlas. Huwa ppreżenta wkoll estratt minn ġurnal fejn deher ilment dwar it-tabella li weħħlu l-konvenuti mal-faċċata tal-ħanut.[3]

In kontroeżami, l-attur **Luay Al Shahmani**[4] ċaħad li kien qabbdu mal-konvenuti l-perit Martin Debono. Huwa nsista li l-istruzzjonijiet li kien jirċievi mingħand il-perit Debono kienu jkunu differenti mill-istruzzjonijiet li jagħtih il-konvenut Bassam Al Raheme, u li hu kkuntentah kull fejn dawn id-diverġenzi ma kinux jolqtu l-istruttura tal-ħanut. Żied jgħid li, fix-xogħlijiet tiegħu, huwa mexa fuq il-pjanti li pprepara u għaddielu

---

[2] Fol. 31 sa 41
[3] Fol. 52
[4] Ara xiehda, 20.3-2018

l-perit Martin Debono. L-attur insista wkoll li, qabel ħalla l-post, id-dawl xegħlu u kollox kien jaħdem. Skond l-attur, meta talab il-ħlas tal-bilanċ, ix-xogħol kien kollu lest u bagħat għall-konvenuti biex jiċċekkjawħ.

L-attur ressaq b'xhud tiegħu lill-perit **AIC Martin Debono**.[5] Il-perit xehed li, f'xi żmien, il-konvenut Bassam Al Raheme kien inkarigah biex jieħu ħsieb xogħlijiet ta` rinovar ta` ħanut tal-ġelat bl-imwejjed fuq barra f'San Ġiljan. Qal li jaf li dan kien qabbad lill-attur biex ineħħilu kulma kien hemm fil-ħanut, u jagħmlu mill-ġdid b'mod aktar pulit u nadif. Id-dawl u l-ilma ġie mgħoddi mill-ġdid u sar ġibs ġdid. Huwa kkonferma l-ftehim anness mal-Avviż tat-Talba.

Il-perit Debono xehed li huma kienu jmorru regolarment jissorveljaw ix-xogħlijiet, u li ma kienx hemm nuqqasijiet fil-kors tal-eżekuzzjoni tagħhom. Il-problema kienet li l-konvenut ried jagħmel *platform* fuq barra, biex ipoġġi l-imwejjed, u biex isir dan, it-*toilet* kellu jiċċaqlaq minn fejn kien u jiġi aċċessibbli direttament mit-triq. Dan iċ-ċaqliq ħtieġ permess mingħand l-Awtorita` tal-Ippjanar. Din l-applikazzjoni ma saritx għaliex il-konvenut ma ħallasx tagħha lill-perit.

Il-perit Debono kompla jgħid li anke hu kellu diffikulta` mal-konvenut, għaliex dan kien jitkellem ma' ħafna nies, u mbagħad jirreferilu x'ikun qallu ħaddieħor u jikkontesta miegħu l-pariri tekniċi tiegħu minħabba f'hekk. Huwa ddikjara li miegħu l-konvenuti qatt ma lmentaw dwar ix-xogħlijiet, u li ma jafx għalxhiex ma ħallsuhx lill-attur. Qal li anke ħu kien lestielhom il-pjanti għall-applikazzjoni lill-Awtorita` tal-Ippjanar pero` l-konvenuti baqgħu ma kellmuh qatt. Ix-xhud ikkonferma r-ritratti eżibiti mill-attur li juru kif kien il-ħanut qabel l-attur beda bix-xogħol, u l-istat tiegħu fil-kors tal-eżekuzzjoni tagħhom. Il-perit Debono ddikjara li x-xogħlijiet qatt ma ċċertifikahom għaliex il-konvenuti kien baqagħlhom iħallsuh, u ma ħallsuhx, u għaliex ma talbuhx din iċ-ċertifikazzjoni, filwaqt li bdew jagħmlu affarijiet li huwa ma kienx jaqbel magħhom, per eżempju xogħlijiet bla permess, u dwal qawwija li bihom ġennew l-akwati. Mix-

[5] Fol. 20 sa 22

xogħlijiet kuntrattati, bejn wieħed u ieħor saru 90% tagħhom, u l-bqija ma riduhomx il-konvenuti. Il-perit Debono ddikjara li lilu l-konvenuti ħallsuh biss depożitu.

In kontroeżami, il-perit Martin Debono qal li ma ċċekkjax il-funzjonalita` tax-xogħol li wettaq l-attur għaliex ma wasalx sa dak l-istadju mal-konvenuti. Qal li kellmuh għax riedu *platform* fuq barra, mar ikejjel u għamel l-*isketches* u l-pjanti wara li l-attur neħħa kulma kien hemm u l-post ġie vojt.

L-attur ressaq ukoll b'xhud tiegħu lil **Joseph Zammit**[6] li qal li jagħmel xogħol fil-ġibs. Qal li ħadem fuq inkarigu tal-attur fil-post tal-konvenuti. Ix-xogħol tiegħu kien jikkonsisti filli l-qala' l-ġibs li kien hemm, u għamel ġibs ġdid. L-istruzzjonijiet ħadhom mingħand il-perit Martin Debono u mingħand l-attur, filwaqt li l-konvenut kien ikun hemm kuljum għal ħinijiet sostanżjali, mal-mara jew it-tifel. Qal li lilu l-konvenuti qatt ma qalulu li għamel xi xogħol ħażin. F'xi mument kienu waqqfuh għaliex riedu jdawru xi affarijiet, pero` mbagħad kompla bix-xogħol, li ħadlu madwar ġimgħa u nofs ta` xogħol effettiv. Qablu kien ħadem l-*electrician*, u hu ħalla kollox lest għaż-żebgħa. Ħadd qatt ma reġa' kellmu dwar dan ix-xogħol.

In kontro-eżami, Zammit iddikjara li l-attur qatt ma rriferielu lmenti li ressqulu l-konvenuti dwar ix-xogħol tiegħu. Qal li mal-konvenut direttament miegħu ma kienx jikkomunika għaliex la jaf Malti u lanqas Ingliż, u li l-komunikazzjoni kienet issir bil-mezz tal-konvenuti martu jew ibnu.

Xehed ukoll **Saviour Azzopardi**[7], li ħadem ix-xogħol tad-dawl f'dan il-ħanut fuq struzzjoni tal-attur. Huwa spjega li għadda d-dawl u l-ilma mill-ġdid f'dan il-ħanut. Meta beda bix-xogħol, il-ħanut ma kienx fi stat tajjeb. Waħħal is-*socket outlets,* l-attrezzaturi tad-dawl, l-*extractor fans* u s-sistema sħiħa tal-ilma inkluż il-faċilitajiet sanitarji fil-kamra tat-*toilet*. Ix-xhud qal ukoll li kien qala' l-komunikazzjonijiet u l-attrezzi kollha minn din il-kamra, għaliex il-konvenut Bassam Al Raheme kien iddeċieda li jibdel il-lok

[6] Fol. 24 sa 25
[7] Ara xiehda, 15.11.2017, fol. 59 sa 61

tagħhom, pero` wara xi ġranet infurmah li kellu jerġa' jqiegħed kollox kif kien. Zammit qal li għamel ukoll komunikazzjonijiet ġodda mad-*distribution box*. Qal li l-konvenuti kienu jkunu preżenti waqt li kien qed jaħdem, u qatt ma ressqulu lmenti. Huwa ddikjara li tħallas ta` dan ix-xogħol mingħand l-attur.

In kontro-eżami, Azzopardi ddikjara li huwa qatt ma rċieva struzzjonijiet jew inkarigi mingħand il-konvenuti, u li kien inkarigah l-attur u tkellem mal-perit. Qal li qabel telaq, huwa pprova s-sistemi li waħħal u kollox kien jaħdem, u li ma kienx jaf i l-konvenuti kienu nkarigaw lil ħaddieħor biex idurlu xogħlu. Qal li t-*toilet* ħallieh jaħdem mas-sistema tad-drenaġġ, u li kien hemm l-ilma kkomunikat u jaħdem. Il-verifiki tiegħu qal li għamilhom wara li sar il-ġibs, u b'mezzi tekniċi.

In rieżami, Azzopardi ddikjara li l-konvenuti qatt ma lmentaw mal-attur dwar ix-xogħlijiet fil-presenza tiegħu.

Għall-konvenuti xehdet il-konvenuta **Rana Al Musawi**, **Jesmond Attard**, **Bassam El Amami** u **Simon Grech**.

L-attur ipproduċa wkoll kopja ta` rapport reġistrat fl-Għassa tal-Pulizija ta` San Ġiljan dwar okkorrenza rappurtata minnu li seħħet fit-8 ta` Marzu 2017, u li fiha allega li kien ġie attakkat mill-konvenuti ġewwa l-ħanut in kwistjoni meta mar biex jitlobhom il-ħlas.[8]

L-attur ippreżenta wkoll diversi korrispondenża legali, u dokumenti annessi, li għaddiet bejn id-difensur tiegħu u l-avukat tal-konvenuti dwar din il-kwistjoni.[9]

In suċċint, il-konvenuta **Rana Al Musawi**[10] xehdet li x-xogħlijiet li żewġha kkuntratta mal-attur, skond l-iskrittura annessa mal-Avviż tat-Talba, ma kinux lesti sat-28 ta` Frar 2017 kif kienu ftiehmu, u qatt ma tlestew skond is-sengħa u l-arti. Hija ddikjarat

---

[8] Dok. LS1, fol. 27 sa 29
[9] Dok. LS13 sa LS20
[10] Ara xiehda, 6.2.2018, fol. 64 sa 69

li l-ilmenti tal-konvenuti dwar dawn ix-xogħlijiet huma dawk elenkati fl-ittra tal-avukat tagħhom datata 24 ta` April 2017[11]. Iddikjarat ukoll li żewġha kellu jqabbad ħaddiema oħra biex ilestu x-xogħlijiet li ma għamilx, jew ma għamilx sew, l-attur, u ppreżentat kopja tar-riċevuti tal-ħlasijiet relattivi[12]. Il-konvenuta kkonfermat li kienu għaddew lill-attur is-somma ta` €4000, pero` qatt ma ħallsuh il-bilanċ, u ddikjarat li l-attur qatt ma tahom riċevuta fiskali ta` li ħallsuh. Hija lmentat li nkorrew ħlas ta` kera għalxejn, bir-rata ta` €90 kuljum, għaliex il-ħanut bdew joperawħ fil-21 ta` Marzu 2017. Fil-frattemp kellhom iħallsu wkoll il-paġi tal-impjegati li kellhom.

In kontroeżami, il-konvenuta kkonfermat li kienu jkunu regolarment fil-ħanut waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, u kkonfermat ukoll li l-ilmenti ressquhom għall-ewwel darba meta x-xogħlijiet kienu lesti. Hija qalet li żewġha kien joqgħod fuq il-wegħda tal-attur li kien jaf x'inhu jagħmel, u biex iħalli f'idejħ. Qalet li żewġha kien ifakkru fiż-żmien li fih kellhom jiġu kompletati x-xogħlijiet, u li meta l-attur ġie biex iħalli l-post ma riedx ilesti x-xogħlijiet qabel jagħtuh il-flus. Il-konvenuta insistiet li lill-attur kienu nkarigawh jagħmel ix-xogħol kollu tad-dawl.

Fuq il-kwistjoni tat-*toilet*, il-konvenuta spjegat li kienu nkarigaw lill-perit Martin Debono biex iġibilhom permess ħalli joħorġu l-imwejjed tagħhom barra. Sussegwentement saru jafu mingħand ħaddieħor li, biex jingħatalhom dan il-permess, riedu jibdlu l-lok tal-kamrin tat-*toilet*. Skond il-konvenuta, lill-attur qatt ma qalulu jaqla' l-attrezzi ta` dan il-kamrin, u l-istruzzjonijiet kien jagħtihom il-perit Debono. Pero` taf bħala fatt li dawn l-attrezzaturi l-attur kien qalagħhom, mingħajr ma taf min tah l-istruzzjoni, għalkemm ċaħdet li kien waħħalhom band'oħra u mbagħad reġa' qalagħhom u waħħalhom fil-lok oriġinali tagħhom.

Fuq il-ġibs, il-konvenuta lmentat li kien hemm spazju bejn il-ġibs mal-ħajt, u l-art, u ddikjarat li dan id-difett ma kinux innotawħ hi u żewġha fil-kors tax-xogħlijiet.

---

11 Dok. LS16

12 Fol. 70 sa 75

Dwar il-madum, il-konvenuta qalet li meta l-attur daħal jaħdem fil-ħanut, ma kienx hemm madum tal-art imkisser. Dan il-madum imkisser ma setgħux jarawħ waqt ix-xogħol, għaliex l-art kienet okkupata bl-għodda u bl-affarijiet tal-ħaddiema, u nnotawħ għall-ewwel darba wara li l-attur ħalla l-post. Qalet li kellhom bżonn il-madum ġdid biex issir il-*platform* li riedu, u li l-attur u żewġha kienu sabu madum simili għall-madum li kien hemm fil-ħanut. Pero` rriżultalhom li, meta l-attur mar jixtriħ, ġab madum ta` kulur differenti. Anke din id-differenża ndunaw biha meta naddfu wara l-attur. Hija ddikjarat li b'kollox kellhom bejn 10 u 15-il maduma mkissrin.

Il-konvenuta ammettiet li, meta għamlu l-ftehim mal-attur, ħi u żewġha ma kellhomx esperjenża bizzejjed f'dan ix-xogħol. B'eżempju semmiet il-kejl tal-*platform*, li kellha tiġi akbar milli ftiehmu miegħu, għaliex ħallew dan f'idejn il-perit tagħhom li mar diversi drabi jieħu l-kejl.

Ix-xhud **Simon Grech**[13] iddikjara li l-konvenuti nkargawh iwettaq xogħlijiet fis-sistema tad-dawl fil-ħanut Sweetland, f'San Ġiljan. Huwa ppreżenta lista tax-xogħlijiet li għamel. Qal li, meta daħal fil-ħanut, is-sistema ma kinetx taħdem u għamel kulma kien hemm bżonn biex tiġi taħdem. Qal li l-konvenuti ħallsuh is-somma ta` €530.53 ta` dan ix-xogħol, u hu rrilaxxjalhom ir-riċevuti fiskali eżibiti minnhom fl-atti.

In kontroeżami, Simon Grech iddikjara li kien sab *wiring* tal-*connecting plugs* nieqes, it-tabella tal-faċċata ma kinetx komunikata u li l-*instructor fan* ma kellux il-*wiring*. Fuq is-*sockets* li kien hemm jaħdmu, hu ma ħadimx. Kien hemm biss *socket* waħda li kellha l-ħsara. Ir-rata tal-ħlas tiegħu kienet ta` €35 fis-siegħa.

Ix-xhud **Jesmond Attard**[14] iddikjara li huwa sid il-ħanut Sweetland, f'San Ġiljan. Qal li, meta krieħ lill-konvenuti, ma kienx hemm ħsara fil-ħanut. Xahar wara li krieħulhom, il-konvenuta kienet sejħitlu biex jgħinha, u sab il-post fi stat ħażin ħafna, li ma setax jintuża. Staqsietu jekk kienx jaf b'xi kuntrattur u hu ssuġġerielha tfittex fil-

---

[13] Ara xiehda, 6.2.2018, fol. 78 sa 79
[14] Ara xiehda, 6.2.2018, fol. 79 sa 81

*Yellow Pages*. Qal li sab it-*toilet* maqlugħ, b'mod li meta tagħmel *flush*, l-ilma jinżel mal-art. L-ilma kien qed iqattar ukoll minn taħt is-*sink*, u l-ħajt tal-ġibs bejn il-kamrin tat-*toilet* u l-ħanut kien maqlugħ minn postu. Kien hemm ukoll xi madum tal-art imkisser. Xi *sockets* kienu nieqsa. Il-ħanut huwa żgħir, b'kejl ta` bejn wieħed u ieħor 11-il metru kwadru.

In kontro-eżami, Attard iddikjara li l-ħanut ma kellux bżonn xogħlijiet, u qabel krieħ lill-konvenuti kien operat. Il-ħajt tal-ġibs li sab meta mar iżur il-post kien l-istess li kien hemm meta krieħ, pero` kien maqtugħ mill-art. F'dak il-mument ma kienx hemm xogħlijiet għaddejjin fil-ħanut. Il-madum imxaqqaq kien fid-daħla tal-ħanut. Attard ikkonferma li l-ġirien kienu lmentaw minn dawk qawwi mit-tabella mwaħħla mal-faċċata tal-ħanut meta l-konvenut bdew joperawħ.

**Bassam Al Amami**[15] xehed li l-konvenuti kienu nkarigawh jirranġa ingress ta` ilma minn *water heater* li kien hemm fil-kamrin tat-*toilet*, jagħlaq spazju vojt li kien hemm bejn ħajt tal-ġibs u l-art, u jwettaq tiswijiet oħra fil-ħanut tagħhom. Huwa għaraf il-ftehim li għamel magħhom, eżibit fl-atti mill-konvenuti[16]. Dan il-ftehim jinkludi l-lista tax-xogħlijiet li nkarigawh iwettaq. Huwa kkonferma li l-ħanut ma setax jiġi operat meta żaru qabel wettaq ix-xogħlijiet tiegħu. Iddikjara wkoll li l-konvenuti ħallsuh tax-xogħol li wettaq. Qal li x-xogħlijiet bdiehom fl-10 ta` Marzu 2017, meta fil-post kien hemm jaħdem *electrician* Malti, Simon Grech.

In kontro-eżami, ix-xhud iddikjara li ħafna mix-xogħlijiet tiegħu kellhom x'jaqsmu mal-kamrin tat-*toilet* fil-ħanut. Qal li naddaf ukoll żebgħa li kien hemm mal-bieb tal-ħanut, wara li kien ħadem fuqu l-*electrician*.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll diversi ritratti li juru n-nuqqasijiet fix-xogħol imwettaq mill-attur li lmentaw dwarhom.[17]

---

[15] Ara xiehda, 21.2.2018, fol. 83 sa 84
[16] Fol. 71 sa 72
[17] Fol. 86 sa 155

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża li l-attur qed jagħmel kontra l-konvenuti – il-konjuġi Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi, u binhom Haider Al Raheme – għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta` appalt kuntrattat bejniethom fl-4 ta` Frar 2017 skond skrittura markata 'Dok. A.' (fol. 2) u annessa mal-Avviż tat-Talba. Il-konvenuti pprevalew ruħhom minn din l-azzjoni biex ressqu kontrotalba kontra l-attur sabiex dan iħallashom is-somma ta` €5,000 in linea ta` danni li jippretendu li kkaġunalhom bin-nuqqasijiet tiegħu li jottempora ruhu mal-obbliġi li assuma fil-konfront tagħhom.

Preliminarjament, biex jilqgħu għall-azzjoni tal-attur, il-konvenuti eċċepew li l-konvenut Haider Al Raheme mhux il-leġittimu kuntradittur għat-talba tal-attur billi ma kienx parti fil-kuntrattazzjoni ta` appalt li fuqha hija bbażata t-talba tiegħu, u lanqas għandu titolu fuq il-ħanut in kwistjoni, imma huwa biss impjegat tal-konvenuti l-oħra l-ġenituri tiegħu fil-ħanut Sweetland, Triq San Ġorġ, San Ġiljan.

Wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, it-Tribunal jidhirlu li din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa. L-uniku aċċenn għall-konvenut Haider Al Raheme li jagħmel l-attur fil-provi mressqa minnu huwa li dan ġieli kien preżenti fil-ħanut, meta kien preżenti missieru, biex isegwi x-xogħlijiet in kwistjoni, u kien jaġixxi ta` interpretu bejn il-ħaddiema u missieru billi dan la jaf jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż.

It-Tribunal jidhirlu li l-attur kien jaf tajjeb li huwa kkuntratta mal-ewwel żewġ konvenuti biss, u mhux ukoll ma' binhom Haider Al Raheme, u allura ma kellux raġuni għalxhiex jaħseb li kellu xi interess ġuridiku jipprosegwi t-talba tiegħu kontra binhom ukoll. Kif qalet tajjeb il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-setenża **M.C.F. Company Limited vs Charles Buhagiar et**[18], *'huwa prinċipju ġenerali li, f'ġieh is-sikurezza tan-*

[18] 15.6-2016 li għaddiet f'ġudikat

*negożju ġuridiku, meta wieħed jagħmel ftehim, ikun jaf sewwa l-identità tal-persuna li tkun qiegħda tobbliga ruħha lejh, jew li jkun qiegħed jobbliga ruhu lejha.*[19]'

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija għalhekk valida fil-liġi, u qed tiġi milqugħa.

Fil-mertu, wara li qies sewwa x-xiehda li sema', u l-portata tad-dokumenti eżibiti quddiemu, it-Tribunal mhuwiex konvint mill-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-perit AIC Martin Debono inkarigat mill-konvenuti biex jagħtihom is-servizzi professjonali tiegħu in konnessjoni ma' dan il-proġett li jirrinovaw il-ħanut li krew f'San Ġiljan. It-Tribunal jagħmilha ċara li, f'dan il-ġudizzju, mhux qed jippronunzja ruhu dwar kwistjonijiet li l-istess perit jista` għandu pendenti mal-konvenuti, anke dwar drittijiet professjonali dovuti lilu mingħandhom, għaliex dawk il-kwistjonijiet imorru lil hinn mill-parametri ta` dawn il-proċeduri. Kwantu għall-mertu ta` din il-kawża, it-Tribunal mhuwiex moralmet konvint, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, mid-dikjarazzjonijiet tal-istess perit Martin Debono li x-xogħlijiet kuntrattati kienu kompletati skond is-sengħa u l-arti, u dan wara li t-Tribunal fela sewwa r-ritratti eżibiti mill-konvenuti tal-ispażji interni tal-ħanut wara li l-attur spiċċa bix-xogħol tiegħu, u li l-attur ma kkontestax. Dawn ir-ritratti[20], korroborati wkoll mix-xiehda tal-kuntratturi sussegwenti tal-konvenuti[21], u minn sid il-ħanut[22], jikkonfermaw l-ilmenti tal-konvenuti dwar li kien hemm spazju bejn il-ħajt tal-ġibs u l-art li baqa' miftuħ, li l-attur ħalla ħsara fil-madum tal-art li ma kinetx hemm meta beda bix-xogħol, li l-attrezzaturi tal-kamrin tat-*toilet* ma kinux funzjonanti jew kompletati u li l-*finishing* tal-ħitan u l-madum ma kienx komplut kif mistenni. F'dan il-kuntest, hija verosimili d-dikjarazzjoni tal-konvenuta li l-attur ma riedx jikkompleta x-xogħlijiet qabel ma jirċievi mingħandhom il-ħlas tal-bilanċ, u x-xogħlijiet baqa' ma kkompletahomx minħabba li ma ħallsuhx. It-Tribunal jagħti kredibilita` wkoll lix-xiehda ta` Simon Grech u Bassam El Amami, terżi bejn il-kontendenti li tħallsu tax-xogħol li għamlu, li

---

[19] *Betti, Teoria generale del negozio giuridico, 574; Roppo, Il Contratto 275;* Qorti tal-Kassazzjoni Taljana 08.02-1985, n. 987, f'*Giur.it.*, 1985, I,1,1482 ċitata fis-sentenza M.C.F. Company Limited vs Charles Buhagiar et, *supra*

[20] Fol. 86 *et seq.*

[21] Simon Grech u Bassam El Amami

[22] Jesmond Attard

xogħolhom ma kienx ikun meħtieġ kieku l-attur ikkompleta x-xogħlijiet tiegħu kif kuntrattati b'mod kemmxejn ġeneriku bl-iskrittura tal-4 ta` Frar 2017.

It-Tribunal jidhirlu pero` li l-konvenuti Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi naqsu meta ma ġibdux l-attenzjoni tal-perit inkarigat minnhom, u possibilment bil-kitba anke tal-attur, dwar in-nuqqasijiet li kienu qed jaraw b'għajnejhom fil-kors tax-xogħlijiet. Jidher, kif wara kollox ammettiet il-konvenuta stess, li hi u żewġha ma kellhomx esperjenża bizzejjed f'dawn it-tip ta` kuntrattazzjonijiet, u b'mod ġenerali fil-mod kif jimxu xogħlijiet bħal dawn. Dan in-nuqqas tagħhom ħareġ b'mod mill-aktar ċar min-nuqqas ta` fiduċja li wrew fil-perit inkarigat minnhom stess, u mill-indeċiżjoni tagħhom dwar jekk jibdlux il-lok tal-kamrin tat-*toilet*, u l-istruzzjonijiet differenti li jidher li taw lill-attur f'dak ir-rigward.

Minn dan kollu, it-Tribunal jikkonkludi li l-ħsieb tal-partijiet meta kkuntrattaw ix-xogħlijiet mertu ta` din il-kawża kien li l-konvenuti Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi jingħataw lura l-ħanut fi stat li jista` jiġi operat b'ambjent isbaħ milli kellu qabel bdew dan ix-xogħlijiet. Jirriżulta li l-attur naqas li jeżegwixxi dawn l-obbliġi li assuma fil-konfront tal-konvenuti Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi meta ma kkompletax skond is-sengħa u l-arti x-xogħlijiet kollha meħtieġa biex il-ħanut ikun jista` jerġa' jiġi operat b'*finishing* aħjar minn qabel. Għalkemm jifhem id-diffikulta` biż-żmien li kellhom il-konvenuti Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi minħabba li baqgħu jħallsu l-kera fil-frattemp, it-Tribunal jidhirlu, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li l-konvenuti msemmija kkontribwew bl-indeċiżjoni u bl-interventi tagħhom għal dan id-dewmien. Konsegwentement, l-attur ma jistax jinżamm responsabbli għat-telf li l-konvenuti Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi jgħidu li nkorrew minħabba f'dan id-dewmien, konsistenti fi ħlas ta` kera, paġi u telf ta` qligħ, liema telf f'kull każ ma ġiex pruvat kif trid il-liġi.

It-Tribunal għalhekk, b'applikazzjoni tal-ekwita` skond il-liġi, ser jgħaddi biex inaqqas l-ispiża tax-xogħlijiet riparatorji li nkorrew l-istess konvenuti, fis-somma komplessiva ta` elfejn, ħames mija u tletin Ewro, tlieta u ħamsin ċenteżmu (€2,530.53ċ), lill-attur mill-ammont reklamat mill-attur.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u jillibera lill-konvenut Haider Al Raheme mill-osservanza ta` dan il-ġudizzju, u jilqa' limitatament il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom sa fejn kompatibbli ma' dak hawn fuq deċiż, u konsegwentement jilqa' limitatament it-talba attriċi u jikkundanna lill-konvenuti Bassam Al Raheme u Rana Al Musawi jħallsu lill-attur is-somma ta` seba' mija, erbgħa u sebgħin Ewro, sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€774.47ċ), filwaqt li fir-rigward tal-Kontro-Talbiet, jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u jiċħad it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

L-ispejjeż tal-konvenut Haider Al Raheme jitħallsu mill-attur; filwaqt li kull parti oħra għandha tħallas l-ispejjeż tagħha f'din il-kawża.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (London.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**